MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 29 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 888/1997/1

George Barbara
vs
Il-Kontrollur tad-Dwana, CGMO, Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u Ministru tal-Gustizzja

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz bejn is-sena 1991 sas-sena 1993 ir-rikorrent sofra pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi f'diversi okazzjonijiet differenti gie mcahhad mill-promozzjoni spettanti lilu.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrent ippresta s-servizzi tieghu gewwa diversi dipartimenti in segwitu ta' diversi trasferimenti partegjani.

Illi fis-sena 1989 huwa kien applika u dahal fl-ingagg tal-Ministeru ghax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni bhala apprentist u appena spicca l-kors b'success li kellu durata ta' sentejn, gie stazzjonat fl-ewwel distrett jaghmel xoghol ta' manutenzjoni.

Illi lanqas lahaq ghadda tant zmien illi fis-sena 1991, huwa gie trasferit mad-Dipartiment tad-Dwana jaghmel l-istess xoghol u ghalkemm huwa protesta xorta wahda baqa fl-istess post.

Illi f'dan l-istess perjodu kienu hargu sejhiet ghall-grad ta' Supervisor u Time-Keeper fi hdan id-Dipartiment tax-Xogholijet ghall-liema sejha r-rikorrent intavola l-applikazzjoni tieghu, pero`, ghad li kien konvint u cert minn dak mistoqsi lilu huwa gie nformat li ma kienx gie maghzul.

Illi fis-sena 1992 kienet harget sejha ohra mill-istess dipartiment ghal Group D izda ghall-darb'ohra ghalkemm ir-rikorrent kien prepara lilu nnifsu ferm aktar mill-okkazzjoni ta' qabel xorta ha rizultat negattiv.
Illi fl-istess sena kienet harget sejha ghall-grad ta' Supervisor Group D mad-Dipartiment tad-Dwana u ghal darba ohra r-rikorrent ntavola l-applikazzjoni tieghu u ghalkemm ghal darba ohra prepara ruhu xorta ha rizultat negattiv.

Illi fis-sena 1993 kienu hargu sejhiet godda ghall-grad ta' Supervisor mad-Dipartiment tas-Sahha u ghall-darba r-rikorrent rega ntavola l-applikazzjoni tieghu u prepara ruhu bis-shih ghall dan l-interview izda meta mar gie nformat illi l-interview kien inzamm fil-5 ta' Mejju 1993 u kien ta' xejn illi huwa protesta li l-ittra kien ircievha fit-8 ta' Mejju u dan kif jirrizulta mill-ittra u envelop hawn annessi u markati Dok A u Dok B rispettivament u dan kif jista jigi ndikat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi fl-istess sena 1993 kienu hargu sejhiet ghall-grad ta' Messaggier fil-bini tal-Qorti.

Illi l-rikorrent kien intavola l-applikazzjoni u peress illi minn informazzjoni illi huwa kien gabar kien hemm 14-il vakanza u kienu applikaw biss 7 u peress illi issa kien oltre preparat xorta wahda ha rizultat fin-negattiv bl-ingustizzja tkun aktar aggravata meta gie ghall-kurrent illi kollha kienu ntaghzlu minbarra hu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant r-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u rriserva li jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghogbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi (1) dikjarat illi fil-konfront tar-rikorrent gew kommessi diversi ngustizzji (2) illi jinghata dik il-promozzjoni/jiet spettanti lilu b'lura mis-sena 1991-1993 skond il-kaz flimkien ma dawk il-beneficcji marbuta ma' tali promozzjoni/jiet minghajr ma jigi mtellef kwalunkwe beneficcju versu promozzjonijiet futuri u (3) kumpens ta' Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzji hekk sofferti.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie ngaggat bhala E.S.T.S. mad-dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-13 ta' Marzu 1986. Hu gie trasferit mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni b'effett ta' l-1 ta' Jannar 1988 u rritorna lura fi hdan id-Dipartiment tax-Xogholijiet fil-31 ta' Marzu 1989 fil-grad ta' Plasterer and Painter. Sussegwentement gie trasferit lejn id-Dipartiment tad-Dwana b'effett mid-19 ta' Novembru 1991.

Illi fil-5 ta’ Mejju 1992 kienet harget sejha numru 37/92 ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi ndustrijali. Ir-rikorrent kien applika ghall-gradi rispettivi ta’ Supervisor u Timekeeper.

Illi ghall-kuntrarju ta’ dak li allega r-rikorrent, din is-sejha kienet inzammet minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma u ghaldaqstant hadd mill-applikanti ma kien attenda xi forma ta’ ntervista.

Illi fis-sena 1992 ma harget ebda sejha ohra mid-Dipartiment tax-Xogholijiet u ghaldaqstant ma seta jiehu ebda rizultat la negattiv u lanqas posittiv ghax is-sejha precedenti kienet l-ahhar sejha li harget mid-Dipartiment fejn jikkoncerna gradi ndustrijali.

Illi dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jichad dik il-parti ta’ l-ilment li tikkoncerna d-Dipartiment tax-Xogholijiet minhabba li huwa nfondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentata mill-intimat.

Ra r-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana li eccepixxa:

Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru stante li sejhiet ghall-impieg fis-Servizz Civili jaqghu taht il-mansjonijiet tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju r-rikorrent, li kien gie trasferit id-Dwana fid-19 ta’ Novembru 1991 kien applika ghal post ta’ Supervisor group D fid-Dipartiment tad-Dwana wara li kienet harget sejha ghal dan il-post permezz ta’ “Office Order” Nru 74/92 bid-data tas-27 ta’ Awissu 1992 (Dok A). Barra mill-applikazzjoni tar-rikorrent kien hemm zewg applikazzjonijiet ohra ghal dan il-Post (Dok B).

It-tliet applikanti li wiehed minnhom kien ir-rikorrent, gew intervistati w ir-rizultat (Dok C) gie approvat mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (Dok D).

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal joghgbu jichad dik il-parti ta’ l-ilment li tolqot id-Dipartiment tad-Dwana.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti  ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi huwa ma huwiex legittimu kontradittur stante illi l-procedura kollha minn meta jinhargu sejhiet ghall-applikazzjonijiet sakemm il-persuni maghzula jinghataw il-hatra taghhom hija prerogattiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.  Tali proceduri huma insindikabbli ai termini ta’ l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni tar-rikorrent, talab lit-Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kollha tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.
Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta tal-Ministru tal-Gustizzja li ecepixxa:

Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 se mai ghandu jigi kjamat fil-proceduri d-Direttur Generali tal-Qrati.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi l-ewwel ilment tar-rikorrent huwa li ma nghatax il-promozzjoni ghal Supervisor and Timekeeper fi hdan id-Dipartiment tax-Xogholijiet.  Hawnhekk ir-rikorrent kien qieghed jirreferi ghal promozzjoni in segwitu tac-cirkolari li

harget fil-5 ta' Mejju 1992, cirkolari numru 37/92 ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi industrijali. L-intimat sostna li fil-fatt din is-sejha kienet inzammet minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-Riforma u ghaldaqstant hadd mill-applikanti ma kien attenda xi forma ta' intervista. It-Tribunal f' dan l-istadju jaghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Alfred Zammit vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta' Marzu, 1999 fejn insibu:

“Paul Scicluna - Ufficjal Esekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li “Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena. Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.

Din twaqqfet minhabba r-riforma fis-Settur Pubbliku li kienet sejra tigi attwata… Irrizulta wkoll li ghalkemm kienet harget applikazzjoni in segwitu tac-Cirkolari 38/92 li pero' l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd…

Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha…Ma giex pruvat li saru xi nies ohra b'seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx. Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx. Ma irrizultat ebda distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita. Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista' titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kinitx diretta kontra r-rikorrent in partikolari. Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma.”
Ara f'dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99 u Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99.

Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx dan l-ewwel ilment gustifikat, u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar it-tieni aspett tal-ilment tar-rikorrent dan jilmenta li fl-1992 kienet harget sejha ohra mill-istess dipartiment ghal Group D. Ma ta ebda indikazzjoni la tad-data tal-hrug tac-cirkolari la tan-numru tac-cirkolari u anqas ghal liema grad. L-intimat sostna li ma harget ebda sejha ohra mid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Illi certament dan it-Tribunal ma jistax isib li saret ingustizzja f' nuqqas ta' promozzjoni li ma hemm ebda indikazzjoni dwarha. Ghal dawn il-motivi jilqa' wkoll l-eccezzjoni tal-intimat Direttur tax-Xogholijiet Pubblici dwar dan l-aspett.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll fit-tielet lok fuq is-sejha ghal Group D mad-Dipartiment tad-Dwana, fir-raba' lok ghal grad ta' Supervisor mad-Dipartiment tas-Sahha u fil-hames lok ghall-grad ta' Messaggier il-Qorti.

Dwar il-hames aspett inghad diversi drabi li hu applikabbli l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jghid li “Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Ministru tal-Gustizzja ghandu jkun hu l-intimat. Ghalhekk il-Ministru tal-Gustizzja mhux il-legittimu kontradittur. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru tal-Gustizzja u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Dan iwassal li t-Tribunal sejjer minn issa ‘l quddiem jezamina l-provi relattivament biss ghat-tielet u r-raba’ aspett tal-ilment tar-rikorrent ossija dak kontra d-Dipartiment tas-Sahha u d-Dwana.

Il-Kontrollur tad-Dwana eccepixxa preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante li s-sejhiet ghall-impjieg fis-servizz civili jaqghu taht il-mansjonijiet tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Ukoll it-Tabib Principali tal-Gvern sostna li mhux legittimu kontradittur fuq l-istess bazi. Dan il-punt gja gie deciz fil-kawza fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha” deciza fis-7 ta’ Mejju, 1998 fejn intqal: “Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija “sacra” u certament ma tista’ ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta’ l-intimat mhux koerenti ma’ l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta’ l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta’ “persuna aggravata”. L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid hekk…

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista’ titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita’ ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta’ hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - “Ubi lex voluit, dixit”. Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta’ impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b’ebda mod jezamina

jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe':
(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:
"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku"…

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet preliminari taz-zewg intimati Tabib Principali tal-Gvern u Kontrollur tad-Dwana.

Fadal biss li ghalhekk jigu ezaminat fil-mertu l-aspetti tal-ilment tar-rikorrent dwar il-promozzjoni ghal Supervisor Group D mad-Dipartiment tad-Dwana u ghal Supervisor mad-Dipartiment tas-Sahha.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li gie ngaggat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fl-1986, gie trasferit fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fl-1 ta’ Jannar 1988. Huwa hass li t-trasferiment kien ingust peress li bil-kemm kien ghadu dera l-ewwel ingagg meta gie trasferit ghad-dwana fejn kien mdejjaq. Qal li applika wkoll ghal grupp D fid-Dipartiment tad-Dwana u ma ntghazilx. Sostna li l-ezami ghad-Dipartiment tad-Dwana kien fittizju ghax kien sar biex jintghazel bniedem partikolari.

Ir-rikorrent in kontro ezami qal li l-ahhar transfer li ha kien fl-1991 ghad-Dipartiment tad-Dwana u ghadu hemm sal-lum. Qal li mhux hu talab it-trasferiment, u li kien mar Beltissebh biex joggezjona izda qalulu li xorta jrid imur id-Dwana.

Xehed Alfred Bajada bhala rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana li qal li r-rikorrent mar jahdem f’Novembru 1991 u gie fi grad ta’ plasterer/painter li jaqa’ taht grupp C u eventwalment ir-rikorrent sar fi grupp D permezz ta’ ri-organizzazzjoni b’effett mill-1 ta’ Jannar 1991. Qal ukoll li r-rikorrent kien applika ghall-grad ta’ supervisor ghall-applikazzjoni li kienet harget fis-27 ta’ Awissu 1992 u kien gie t-tielet kif jidher mid-dokument a fol 29 tal-process. Mid-dokument jirrizulta li gab 55 marka waqt li Francis Grima 67 u Anthony Giorgio 83. Kien ha l-grad wiehed biss u cioe` Anthony Giorgio u ma jirrizulta ebda ilment tar-rikorrent f’ dan ir-rigward.

Xehed Frank Attard bhala rapprezentant tas-CGMO fejn qal li kien hemm applikazzjonijiet ghal supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha fl-1993. Huwa kkonferma li r-rikorrent kien applika ghal dan il-grad. Qal li hafna drabi fis-selection board ikun hemm nies mid-Dipartiment koncernat u jidher li Barbara m’attendiex ghall-interview ghax ghandu absent. L-interview kellu jsir fil-5 ta’ Mejju 1993 u l-ittra ntbaghtet lir-rikorrent fit-3 ta’ April 1993 u ma tirrizulta ebda complaint minn naha tar-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk dwar il-promozzjoni ghall-grad ta' Supervisor fid-Dipartiment tad-Dwana rrizulta li r-rikorrent gie t-tielet b' 55 marka meta l-ewwel wiehed Giorgio gab 83 ossija 28 marka aktar. Ma gab ebda prova biex juri li saret xi ingustizzja fl-allokazzjoni ta' marki lil Giorgio. Ma sar ebda analizi komparattiv bejn il-meriti ta' Giorgio u tar-rikorrent riferibbilment ghal anzjanita`, kwalifiki, esperjenza, depozizzjonijiet ta' superjuri taghhom dwar l-abbilta` u hegga ghax-xoghol taghhom. Anqas ma gew prodotti l-persuni li ghamlu l-interview. Fi ftit kliem it-Tribunal jekk jgharbel biex ifittex ingustizzja, jekk stess kien hemm, ma jistax isibha u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana f' dan ir-rigward.

Dwar l-aspett tal-ilment tar-rikorrent ghal Supervisor mad-Dipartiment tas-Sahha t-Tribunal ihossu meraviljat kif ir-rikorrent seta biss jilmenta fuq dan l-aspett meta anqas biss attenda ghall-interview u ma gab ebda prova kif gie allegat li fil-fatt l-ittra biex jattendi ghall-interview waslitlu tard u l-unika prova li hemm hi d-dokument B a fol 4 tal-process li minnu jirrizulta li l-ittra ta' avviz intbaghtitlu 33 jum qabel u li ma gie pruvat ebda ilment tar-rikorrent dak iz-zmien f' dan ir-rigward. Ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern.

Jifdal biss li t-Tribunal li jezamina saritx xi ingustizzja dwar trasferiment. Hawnhekk jirrizulta lit-Tribunal li r-rikorrent matul iz-zmien applikabbli gie trasferit darba wahda biss f' post li ma kellux ebda dwejjaq ta' xoghol jew kundizzjonijiet ta' xoghol negattivi. Anqas ma rrizulta xi telf ta' allowances kawza ta' dan it-trasferiment u ghalhekk ukoll it-Tribunal ma jibqalux triq ohra hlief li jichad dan l-aspett tal-ilment.

Spejjez kontra r-rikorrent.